FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 03 TA' MEJJU 2017

Il-Pulizija

Spettur Bernard Charles Spiteri

vs

Joseph Muscat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 476085M akkuzat talli:

1. nhar id-19 ta' Mejju 2011, f'xi hin bejn 12.00hrs u 1230hrs, waqt li kien qieghed fil-blokk tal-appartamenti li jgibu l-isem Perth u li jinsabu Triq Ganu Birkirkara u fil-vicinanzi:attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghal-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dan ai termini tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jed, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. ksier il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. talli nhar it-18 ta' Mejju 2011, ghal habta ta' 15.00hrs waqt li kien fi Triq Ganu, B'Kara ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qeghdin jaghmlu dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jed, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. talli f'Hal Qormi fi Triq il-Mithna, f'xi hin matul il-gurnat ta' nhar 13 ta' Mejju 2011, ikkommetta serq ta' licenzja ta' karozza, minn vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni JBO 139, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' Francis Tonna u/jew ta' persuna/i ohra;

6. laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa b'qerq jew akkwistati b'reat u xjentement b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
7. talli nhar it-13 ta' Mejju 2011 u fi granet ohra gewwa dawn il-Gzejjer saq vettura tal-ghamla Peugeot 106, ta' kulur abjad li ma kienetx licenzjata mill-Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta biex tintuza fit-triq (Sec 15(1)(A)(3)(Chh.65);
8. saq vettura tal-ghamla Peugeot 106, ta' kulur abjad minghajr ma kienet koperta' b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskju ta' terzi persuni (Sec.3(1)(Ch.104);
9. talli wahhal pjanci CBB 182 u licenzja ta' karozza JBO 139 ma vettura bil-mutur, liema pjanci u licenzja tal-karozza ma kienux jirreferu jew jappartjenu ghal dik il-vettura partikolari (Sec.32(5), L.N. 198/2009;
10. talli f'dawn il-gzejjer kellu fil pussess tieghu jew taht ir-responsabilita' tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Peugeot 106 abjad li ma kienetx giet registrata mal-Awtorita dwar it-Transport ta' Malta (Sec. 3 L.n. 198/2009;
11. talli ghamel uzu minn marka ta' registrazzjoni xort'ohra minn dik mghotija mill-Awtorita dwar it-Transport f'Malta dwar xi vettura bil-mutur partikolari (Sec. 44(5) L.N. 198/2009;
12. talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena , b'sentenza moghtija nhar l-14 ta' April 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat ix-xhieda;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 96, 338(ee), 338(dd), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(A)(3) tal-Kap 65, l-Artikolu 3 (1) tal-Kap 104, Artikolu 32(5)tal-Avviz Legali 198/2009, Artikolu 3 tal-Avviz Legali 198/2009, Artikolu 44(5) tal-Avviz Legali 198/2009.

Tiddeciedi: li tikkundannah sena prigunerija li in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendihom ghal sentejn mill-lum u multa ta' €2,500 bis-€70 mensili bl-ewwel pagament fl-ahhar ta' Mejju 2017 u pagamenti successivi u konsekuttivi bid-dekadenza fin-nuqqas. Kif ukoll sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona
Magistrat